**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 025/2017**

**MU u JU**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 22239)**

**Seduta tal-5 ta' Novembru 2018**

**L-Arbitru ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jsostnu li huma kienu investew fl-*SNS Bank (Bonds 2020)* mal-kumpanija *All Invest Company Ltd.* u *All Invest 'ma baqax jonora l-kuntratt.'*[1]

Huma jsostnu li ma kinux investituri professjonali u li qatt ma kienu infurmati li setghu jitilfu l-investiment kollu.[2]

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz:**

1. Illi preliminarjament, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza taht il-ligi, partikolarment l-Artikoli 19(1) u 21(1) tal-Kap. 555, li jisma' l-ilment odjern kontra Wallace Falzon in kwantu l-eccepjenti proprio mhuwiex "*provditur tas-servizzi finanzjarji*" u l-ilmentatur mhuwiex "*klijent eligibbli*" fil-konfront tal-esponenti Wallace Falzon *proprio*;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-ilmentatur u l-eccepjent Wallace Falzon. Wallace Falzon huwa direttur u ex-impjegat mas-socjetà

[1] A Fol. 8
[2] A Fol. 11

eccepjenti *All Invest Company Ltd*., u għaldaqstant Wallace Falzon għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-ilment odjern jidher illi huwa bbażat fuq allegazzjoni li l-kuntratt ta' bejn l-eccepjenti *All Invest Company Ltd.* u l-ilmentaturi. Intant l-ilmentaturi ma jsostnux illi huma ġarrbu xi telf - ma hux mifhum għalhekk eżattament l-ilment x'inhu – ħaġa li l-ilmentaturi iridu jiċċaraw, u għaldaqstant, l-eccepjenti jirriservaw minn issa illi jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ kemm-il darba l-ilmentaturi isostnu li l-ilment tagħhom huwa xi ħaġa differenti għal ksur ta' ftehim;

5. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-eccepjenti m'għandhomx u qatt ma kellhom ebda kontroll u lanqas ma jiġġestixxu u qatt ma kienu jiġġestixxu huma l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarju], u għaldaqstant ma jistgħux jinżammu responsabbli għal kwalunkwe telf li l-investiment seta' ġarrab;

6. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, in-nazzjonalizzazzjoni tal-*SNS NV Bank,* u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan ġab miegħu għandu jitqies bħala '*casus*';

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Ra l-affidavits tal-partijiet**

**Sema' x-xhieda**

**Ra l-atti l-oħra tal-każ**

**Jikkonsidra**

**Kompetenza**

L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-Arbitru m'ghandux kompetenza taht l-Artikoli 19(1) u 21(1) tal-Kap. 555 ghaliex Wallace Falzon m'huwiex *'provditur tas-servizzi finanzjarji'* u l-ilmentatur mhuwiex *'klijent eligibbli'* fil-konfront ta' Wallace Falzon.

L-ilmentaturi m'humiex qed jaghmlu l-ilment kontra Wallace Falzon personali izda qed jaghmlu l-ilment kontra *All Invest Company Ltd.* li f'isimha kien qed jagixxi Wallace Falzon.

Kontra *All Invest Company Ltd*. l-ilmentaturi huma klijenti eligibbli[3] skont il-ligi u *All Invest Company Ltd.* kienet provditur tas-servizzi finanzjarji skont id-definizzjoni[4] fil-Kap. 555 u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu l-kompetenza li jisma' dan l-ilment. Wallace Falzon f'ismu proprju m'huwiex azzjonabbli ghaliex huwa kien qed jagixxi f'isem *All Invest Company Ltd.*

It-tieni eccezzjoni hija kompriza fl-ewwel eccezzjoni u, kif intqal, Wallace Falzon ma giex indikat fil-kapacità tieghu personalment izda l-kaz huwa kjarament kontra *All Invest Company Ltd*. u, ghalhekk, din l-eccezzjoni giet ezawrita.

**Preskrizzjoni**

L-eccezzjoni dwar preskrizzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Apparti l-fatt li l-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda prova biex jissostanza din l-eccezzjoni, l-ilmentaturi qed jghidu li l-provditur tas-servizz naqas milli *'jonora l-kuntratt'* u mhumiex qed jattribwulu xi htija akkwiljana.

Fis-sentenza ***Margaret Pace et vs M.Demajo (Holdings) Ltd.***[5]***,*** il-Qorti tikkwota s-sentenza fl-ismijiet ***Gaetano Spiteri pro et noe vs Thomas Castle deciza fit-18 ta' Awissu 1965***[6] ***u s-sentenza fl-ismijiet Busuttil vs Schembri***[7] li jaghmlu distinzjoni netta bejn *culpa aquiliana* u culpa kuntrattwali u jsostnu li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti.

---

[3] Kap. 555, Art 2
[4] *Ibid.*
[5] **PA, 12/03/2013**
[6] ***XLIXII-1027***
[7] ***Vol XXXVIII-I-II pagna 292, 19 ta' Frar 1954***

Wiehed ghalhekk irid jara jekk id-danni derivanti humiex kontrattwali jew extra-kontrattwali. Biex tkun applikabbli l-*culpa aquilina* u l-preskrizzjoni relattiva hemm bzonn li l-htija ma jkollha ebda rapport dirett mal-kuntratt ezistenti. Meta jkun hemm inadempjenza jew twettiq hazin tal-obbligi emergenti minn ftehim ma tkunx applikabbli l-*culpa aquiliana.*

F'dan il-kaz l-ilmentaturi qed jghidu li l-provditur tas-servizz naqas milli josserva l-obbligi kuntrattwali tieghu u jirrizulta minn dokumenti esebiti, bhall-*Purchase Contract Note*[8] *u l-File Note,*[9] li r-relazzjoni kienet wahda kuntrattwali u, ghalhekk, ma jistax japplika l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Peress li lanqas ma ngabu provi biex jissostanzjaw din l-eccezzjoni, l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

Dwar l-eccezzjoni li l-*All Invest Company Ltd.* kienet biss intermedjarju, din l-eccezzjoni mhix sostenibbli ghaliex il-fatti juru li l-provditur tas-servizz kienet kumpanija licenzjata mill-*MFSA* bhala provditur ta' servizzi finanzjarji u meta taghti dawn is-servizzi, dawn is-servizzi jkunu qed jinghataw f'isimha proprju bhala principal u mhux bhala agent.

Tant hu hekk, li l-*MFSA* ghandha regoli *ad hoc* ghal kumpaniji bhall-provditur tas-servizz odjern u kemm-il darba issanzjonat kumpaniji hekk imsejha *'intermedjarji'* li kienu qed joffru servizzi simili.

Galadarba l-provditur tas-servizz ta parir u investa l-flus f'isem l-ilmentaturi huwa ghandu jwigeb ghal ghemilu. Fin-nuqqas ta' dan, jibdew isehhu abbuzi kbar kontra l-interessi tal-konsumatur u telf ta' fiducja fil-qasam tal-investimenti fis-settur finanzjarju. Id-dokumenti kollha juru li *All Invest Company Ltd.* kienet qieghda tagixxi bhala '*Independent Financial Advisors'*[10] u ddikjarat ruhha bhala: '*All Invest Company Ltd.is licensed to conduct investment services business by the Malta Financial Services Authority.'*[11]

Dan kollu juri li *All Invest Company Ltd.* kienet qed tagixxi f'isimha bhala provditur tas-servizzi finanzjarji u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

---

[8] A Fol. 13
[9] A Fol. 19
[10] A Fol. 13
[11] *Ibid*.

L-eccezzjonijiet l-ohra ser jigu koperti fil-mertu tal-kaz.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[12]**

L-ilmentaturi investew is-somma ta' €16,367.26 (valur nominali €23,000) fl-*SNS Bank NV*[13] (*SNS*) fuq parir tal-provditur tas-servizz.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi**

L-ilmentaturi jsostnu li huma ma kinux investituri professjonali u kienu investew ma' Wallace Falzon wara li dan kien qalilhom li l-*SNS* kien prodott tajjeb ghalihom u kien ihallas bis-6.25% u, wara li raw li Wallace Falzon kien irrakkomanda dan l-investiment bil-kbir, huma ddecidew li jinvestu fih. Biex jikkonvincihom qalilhom li anke hu investa fih u ma ssuggerielhom l-ebda investiment iehor hlief l-*SNS*. Huma jghidu li ghaddewlu s-somma ta' €23,000, meta konvertiti mid-dollari, u flus ohra li kellhom.

Falzon kien talabhom jiffirmaw il-*Client Confidential Fact Find* li huwa kien digà mela minn qabel. Qatt ma spjegalhom il-kontenut tad-dokument jew ir-riskju inerenti fl-investiment li kienu ser jaghmlu.

Huma kienu konvinti li qed jinvestu fis-sod u ma kinux jafu bir-riskju li setghu jitilfu l-kapital.

L-istess jista' jinghad ghal firma ta' dokument iehor bl-isem ta' *Experienced Investor Declaration.* L-ilmentaturi fdaw f'Wallace Falzon u ffirmaw minghajr ma dan spjegalhom ghal xiex kienu qeghdin jiffirmaw. Aktar tard indunaw li kienu gew ingannati ghaliex Falzon kien nizzel fid-dokument imsemmi li kellhom l-esperjenza fl-investimenti meta dan ma kienx il-kaz.

Kienet ta' sorpriza ghall-ilmentaturi meta saru jafu mir-risposta mressqa mill-*All Invest Company Ltd.*, li Falzon u l-kumpanija kienu hadmu maghhom fuq bazi ta'

[12] Kap. 555, Art.19(3)(b)
[13] A Fol. 13

*Promotion and Selling.* Huma jsostnu li Falzon qatt ma qalilhom din il-frazi u issa, li saru jafu biha, ma kinux jafu xi tfisser.[14]

**Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Wallace Falzon, għall-provditur tas-servizz, jgħid li huwa kien qed jaġixxi f'isem *All Invest Company Ltd.* u, għalhekk, l-ilmentaturi ma jistgħux jgħidu li kien qed jaġixxi f'ismu biex ifittxuh personalment.

Huwa jgħid li jiftakar li l-ilmentaturi xtaqu investiment li jrendi dħul tajjeb u jiftakar li fiehem lill-ilmentaturi li hu ma kienx qed jagħti parir dwar il-prodott izda *All Invest Company Ltd.* kienet qiegħda biss '*tirreklama*' l-prodott. Ma jiftakarx jekk semmiex il-kliem '*promotion and selling,'* izda jinsab cert li qal lill-ilmentaturi sabiex jekk xtaqu setgħu jirrikorru għall-parir għand *advisor* terz. Huma għazlu l-prodott *SNS* minn rajhom u dan wara li spjegalhom il-karatteristici tal-prodott u r-riskji assocjati miegħu. Spjegalhom li dejjem kien jezisti r-riskju li jitilfu flushom. Ma jiċħadx li seta' qal lill-ilmentaturi li anke hu kellu flus investiti fl-*SNS.*[15]

**Il-Prodott *SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (*ISIN: XS0552743048*) (*SNS*) inħarġu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minħabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portaFol.l ta' din is-sussisdjarja wassal biex *SNS* jiġi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013, b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taħt skrutinju minn diversi *rating agencies*. Minn zmien għal zmien, uħud minn dawn l-aġenziji ikkummentaw ta' spiss**

[14] *Affidavit* ta' Connie Cutajar, a Fol. 48 et seq
[15] A Fol. 66 et seq

**dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni. Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *a systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li akkost ta' kollox l-istat kien ser jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008.

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu.

Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest Company Ltd.* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

**Kif sar il-bejgh u jekk kienx *'appropriate'* jew *'suitable'* ghall-Ilmentaturi**

L-Arbitru m'huwiex konvint minn dak li qal il-provditur tas-servizz, li f'dan il-kaz huwa kien qieghed biss jirreklama l-prodott *SNS* u li qal lill-ilmentaturi jfittxu parir dwaru minghand haddiehor. Huwa qieghed jghid dan biex jiggustifika dak li nizzel fuq il-*File Note* li s-servizz kien wiehed '*promotion and selling'.* Fl-istess

nifs li jghid dan, Wallace Falzon, jghid li hu spjega l-karatteristici tal-prodott u r-riskji assocjati mieghu. Spjegalhom li dejjem kien jezisti r-riskju li jitilfu flushom. Dawn fihom innifishom huma pariri u, ghalhekk, hemm inkonsistenza fix-xhieda tieghu.

Barra minn hekk, l-ilmentaturi xehdu li hu ma kienx spjegalhom li kien qed ibieghilhom il-prodott b'dan il-mod ghaliex il-kliem '*promotion and selling'* qatt ma semmihomlhom, u issa li kienu qed jigu mistoqsija fuqu, l-ilmentatrici xehdet li huma ma kinux jafu xi jfissru dawn il-kliem, la jafu xi jfissru 'BBB' u ma tafx xi tfisser *subordinated bond.*[16]

Barra minn hekk, filwaqt li jipprova jghid li l-ilmentaturi kienu '*experienced investors'* huwa ma gab l-ebda prova dwar dan, anzi waqt il-kontroezami xehed li kienu '*experienced'* ghaliex kellhom '*xi shares u bonds'* f'banek lokali. Mistoqsi jekk l-ilmentaturi fl-ewwel *meeting* mieghu kinux qalulu li ma kinux jifhmu fl-investimenti, jghid li ma jiftakarx. Filwaqt li jghid li hu kien mela d-dokumenti quddiem l-ilmentaturi fl-*affidavit* tieghu, fil-kontroezami jghid li:

'*L-Client Fact Find imtliet minni jew minn xi hadd iehor tal-kumpanija'.*[17]

Filwaqt li fl-*affidavit* jghid li qalilhom biex jiehdu parir minghand terz, fil-kontroezami jghid li ma jiftakarx.[18]

Hemm diversi inkonsistenzi fix-xhieda tal-provditur tas-servizz kif digà gie spjegat, filwaqt li l-verzjoni li taw l-ilmentaturi hija aktar kredibbli.

Ghalkemm l-Arbitru hu tal-fehma li s-servizz kien wiehed *advisory* u, skont ir-Regoli[19] vigenti kellu jsir *suitability test,* però, anke f'kaz ta' servizz *promotion and selling* kellu jsir l-*appropriateness test.*

Skont regola 2.21, dan it-test kellu jindika:

'*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portFol.io management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and*

[16] A Fol. 70
[17] A Fol. 69
[18] A Fol. 70
[19] *Investment Services Rules for Investment Services Provider: Part B: Standard Licence Conditions (SLC)*

*knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded.'*

Imbaghad, regola 2.22 kienet tipprovdi li:

*'Information regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field includes the Fol.lowing, to the extent appropriate to the nature of the client, the nature and extent of the service to be provided and the type of product or transaction envisaged, including their complexity and the risks involved:*

*a. the types of service, transaction and Instrument with which the client is familiar;*

*b. the nature, volume, frequency of the client's transactions in Instruments and the period over which they have been carried out;*

*c. the level of education, profession or relevant former profession of the client or potential client.'*

L-ewwel kriterju li kellu jintlahaq kien jekk l-ilmentaturi kellhomx '*the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved*.' Ma giex ippruvat mill-provditur tas-servizz li l-ilmentaturi kellhom dik l-esperjenza u t-taghrif fl-investiment li setghu jifhmu x'inhu *subordinated bond Tier 2* kif kien l-*SNS*. Hu jsemmi biss li l-ilmentaturi kellhom '*xi bonds u shares'* f'banek minghajr ma jghid liema kienu dawn l-investimenti meta suppost ha kont taghhom meta kien qed jaghmel l-*appropriateness test.*

Kif xehdet l-ilmentatrici nnifisha, ma kinetx taf xi tfisser '*subordinated bond'* u l-Arbitru huwa moralment konvint li l-provditur tas-servizz ma spjegax b'mod li setghu jifhmuh l-ilmentaturi x'riskju kien igorr mieghu dan il-prodott.

Jekk kellu jitqies il-volum ta' investimenti li kellhom l-ilmentaturi, ma jistax jitqies li kellhom xi volum kbir ta' investimenti li seta' jaghtihom dak it-taghrif biex jiehdu decizjoni infurmata x'riskji ghandhom *subordinated bonds* bhall-*SNS*.

Il-kriterju l-iehor kien dak tal-livell ta' edukazzjoni li kellhom l-ilmentaturi u l-professjoni taghhom. Mill-*Client Fact Find*[20] jirrizulta li l-ilmentatur kien

[20] A Fol. 17

pensjonant u qabel kien jahdem ta’ bennej u l-ilmentatrici kienet mara tad-dar. Din il-*Fact Find* hija evaziva wkoll ghaliex filwaqt li l-provditur indika li kellhom *bonds* u *shares*, ecc. ma jsemmix x’kienu.

Dwar flus l-ilmentaturi kellhom biss €10,000 f’*savings account* izda kellhom id-dar taghhom u bicca art.

Il-provditur tas-servizz jipprova jinheba wara l-fatt li s-servizz kien ‘*promotion and selling’* u ha l-firma fuq l-‘*Experienced Declaration Form’* biex jezonera lilu nnifsu u mhux ghaliex l-ilmentaturi kienu klijenti kif deskritti fl-istess formola.

Ghalhekk ma jistax jinghad li skont dak li kienu jipprovdu r-regoli tal-*MFSA,* mahruga skont id-Direttiva *MiFID,* li l-*SNS* kien *appropriate* ghall-ilmentaturi u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz kellu javzahom li dan il-prodott ma kienx addattat ghalihom.

Mill-analizi tal-prodott imsemmija aktar ’il fuq f’din id-decizjoni, jirrizulta li l-*SNS* kien ha *bailout* kbira mill-Gvern Olandiz, u l-fatt li l-ilmentaturi kienu se jigu kklassifikati fost tal-ahhar f’kaz ta’ falliment, kien jaghmel il-prodott ferm aktar riskjuz minn dak li kienu jifilhu ghalih l-ilmentaturi.

Bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz kienet tezisti relazzjoni fiducjarja u ma jitqiesx li l-provditur tas-servizz mexa ta’ missier tajjeb tal-familja meta bieghilhom dan il-prodott.

Jirrizulta wkoll li dan il-prodott ma kienx jilhaq l-aspirazzjonijiet ragonevoli u legittimi tal-ilmentaturi fil-mument li investew,[21] ghaliex fl-età tal-pensjoni li kienu fiha huwa mistenni li l-ilmentaturi xtaqu jinvestu fi prodott li minnu jdahhlu xi haga biex iziduha mal-pensjoni u mhux li jirriskjaw flushom f’investiment bhal l-*SNS.*

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma’ din id-decizjoni.**

**Ghalkemm l-ilmentaturi jghidu li huma investew is-somma ta’ €23,000 mill-*Purchase Contract Note,*[22] jirrizulta li l-ilmentaturi hallsu €16,367.36 ghal**

[21] Kap. 555, Art 19 (3)(c)
[22] A Fol. 13

**investiment li kellu valur nominali ta' €23,000; hekk kif jidher ukoll fil-*File Note.*[23]**

**Ghalhekk l-ilmentaturi hargu minn buthom is-somma ta' €16,367.36.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Company Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' sittax-il elf, tliet mija u sebgha u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€16,367.36.)**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[23] A Fol. 19